MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Numru. 45/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. James Grech)**
**vs**
**Daniel Lanzon**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Daniel Lanzon**, ta’ 20 sena iben Joseph Attard u Carmen Lanzon, mwieled Pieta’ nhar it-30 ta’ Settembru 1985 u residenti Block 16E, Flat 1, Triq il-Gendus, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ 567485M ;

Talli nhar 16 ta’ Frar 2004 f’dawn il-Gzejjer f’xi hin matul il-lejl, flimkien ma’ persuna mhux maghrufa ikkomettejt serq ta’ laptop minn fond Smart Supermarket, sitwat fi Triq in-Naxxar B’Kara liema serq huwa kwalifikat, bil-mezz, hin u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin, u li sar ghad-detriment tal-kumpanija Smart Supermarket; (**Art 261 b, c u f, 267 u 270** )

Talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament, hassart jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, liema hsara taccedi Lm50 (hamsin lira maltin) u li sar ghad-detriment ta' Smart Supermarket (**Art 325 1b**)

U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, xjentement lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom; (**Art 334**)

U aktar talli nhar 8 t'Awissu, 2005 f'xi hin bil-lejl mix-showroom ta' Michael Attard sitwata fi Triq Notabile Attard, bil-hsieb li jikkometti reat u cioe' serq ikkwalifikat bil-mezz, hin u valur li jiskorri l-elf lira maltin, ghad-detriment ta' Michael Attard, wera dan il-hsieb, b'atti esterni , u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu; (**Art 41 1a, Art 261 b, c u f, 263, 267 u 270**)

Talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament, hassart jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, liema hsara taccedi Lm50 (hamsin lira maltin) u li sar ghad-detriment ta' Michael Attard Ltd (**Art 325 1b**)

U aktar talli fl-1 t'Ottubru, 2005, f'dawn il-Gzejjer f'xi hin bil-lejl, ikkomettejt serq ta' oggetti minn fond Smart Supermarket sitwat fi Triq Naxxar, B'Kara, liema serq huwa kwalifikat, bil-hin u li sar ghad-detriment ta' Smart Supermarket Ltd (**Art 261 f, 270**)

Nakkuzahom ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrendew ruhhom recedivi ai termini ta' artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas

ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura skond il-verbal taas-seduta tal- 1 ta’ Marzu 2006;

Semghet il-provi;

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-18 ta’ Lulju 2007;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi minkejja l-ammissjoni tal-imputat dwar l-akkuzi kollha, it-tielet akkuza dwar ir-ricettazzjoni mhix ser tkun akkolta ghaliex huwa evidenti illi din hija akkuza alternattiva ghall-dik ta’ serq f’dan il-kaz. Ghalhekk filwaqt illi qed tilliberah mit-tielet akkuza  bl-ammissjoni tal-imputat l-akkuzi l-ohra jirrizultaw pruvati u ghalhekk l-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 261(b), (c) u (f), 263, 267, 270, 278(3), 325(1)(b), 41 (1)(a), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Illi l-espert psikjatriku nominat minn din l-Qorti, Dr. Joseph Spiteri, xehed fid-dettal fit-18 ta’ Settembru 2013 dwar il-kundizzjoni psikjatrika tal-imputat. Mill-perizja tal-istess espert jemergi illi l-imputat huwa afflitt minn kundizzjoni mgharufa bhala Borderline Personality Disorder suggett ghall-episodji fejn jista’ jsir psikotiku u jinqata’ mir-rejalta u jaghmel hwejjeg li ma jaghmilx haddiehor. Jista ukoll ikun perikoluz minhabba l-attitudini tieghu u ghalhekk ghandu bzonn sorveljanza fuq bazi “lifelong”. Il-prospett li jsir kambjament ghall-ahjar f’persuni b’din il-kundizzjoni huwa wara li jghalqu s-sittin sena.

Illi ghalhekk tqis illi l-ahjar mod biex tiratta mal-imputat huwa billi tqieghdu taht ordni ta’ probation fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 u fl-istess waqt tohrog ordni ta’

trattament kontra tieghu fit-termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-imputat qabel li jinghata ordni ta’ trattament wara li l-Qorti spjegatlu l-import ta’ tali ordni;

Ghalhekk tqieghdu taht ordni ta’ probation fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 ghal perjodu ta’ tlett (3) snin mil-lum u fl-istess waqt tohrog ordni ta’ trattament kontra tieghu fit-termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------